Nru. 95

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI (ARTIKOLU 47)

Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:

PROPRJETÀ U L-ART
(VILLA LUGISLAND)
NO. 26 TRIQ ĠORĠ BORG OLIVIER
IR-RABAT

(ara l-pjanta f'paġna 821) tista' tkun ta' valur storiku u arkitettoniku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk tohroġ Ordni ta' Emerġanza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà u l-art f'numru 26, Triq Ġorġ Borg Olivier, ir-Rabat, għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 1, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba il-valur storiku u arkitettoniku tagħha.

(ii) Ma jistgħux isiru alterazzjonijiet, ħsara jew żvilupp f'ebda parti tal-proprjetà jew l-art f'numru 26, Triq Ġorġ Borg Olivier, ir-Rabat.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà imsemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi domolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Is-6 ta' Frar, 1996

No. 95

EMERGENCY CONSERVATION ORDER (SECTION 47)

Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely:

PROPERTY AND GROUNDS
(VILLA LUGISLAND)
NO. 26 TRIQ ĠORĠ BORG OLIVIER
RABAT

(see site plan on page 821) could be of architectural and historical value such that they should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The property and grounds at No. 26, Triq Ġorġ Borg Olivier, Rabat is to be considered as a Grade 1 property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and historic value.


(ii) No alterations, destruction or development will be permitted to any part or grounds of No. 26 Triq Ġorġ Borg Olivier, Rabat.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

6th February, 1996


PROPERTY & GROUNDS
(VILLA LUGISLAND)
TRIQ GORG BORG OLIVIER
RABAT
SCALE 1:2500
PART OF S.S. 4470/4670
N